# LECTIO DIVINA

# L-XXXIV ĦADD MATUL IS-SENA (A)

## KRISTU SULTAN TAL-ĦOLQIEN KOLLU

**Mt 25, 31-46**

Ninsabu fl-aħħar tal-kap. 25. "*This passage is a masterpiece, the high point and grand finale of the fifth discourse and the public ministry*" (*NJBC*, 669). Is-silta mhijiex parabbola; wieħed mid-diversi ħjiel ta' dan huma l-verbi fil-futur (filwaqt li parabbola jkollha l-verbi fil-passat jew fil-preżent). Meqjusa bħala diskors apokalittiku ta' rivelazzjoni. Naraw djalogu immarkat mill-użu ta' ripetizzjonijiet u paralleliżmi li jagħtu lis-silta l-qawwa tagħha. Insibuha f'Mt biss, b'vokabularju u teoloġija karatteristiċi tiegħu. Tixbaħ ħafna forom oħra ta' eskatoloġija ġudajka. Imma b'elementi li huma speċifikament kristjani.

Iċ-ċentru hu l-identifikazzjoni ta' Bin il-bniedem, li jiġi bil-glorja u b'setgħa fuq il-ġnus, u l-kategoriji l-iktar minsija fil-ħajja ta' kuljum. Il-komunità trid tkun attenta għal dawn iż-żewġ dimensjonijiet tal-eżistenza tal-istess Kristu: il-qima lill-Imħallef li hu 'l barra mid-dinja, u l-qadi lil Ġesù fl-istorja, f'min l-iktar li għandu bżonn. L-imħabba tal-proxxmu ma teskludix id-dixxipulat, imma hija l-milja tiegħu (il-predikazzjoni ta' Ġesù tintemm b'dan).

**«Meta jiġi Bin il-bniedem fil-glorja tiegħu u bl-anġli kollha miegħu, imbagħad joqgħod fuq it-tron glorjuż tiegħu.**

Bin il-bniedem, b'xebħ kbir mal-AT, huwa l-figura ta' dak li jaġixxi f'isem Alla. Iżda filwaqt li fl-AT, il-miġja ta' Alla kienet tingħaraf mis-sinjali tagħha bla ma Hu nnifsu jidher, issa Alla jintervjeni bid-dieher fl-istorja. Il-glorja hija mogħtija mill-Missier lill-Iben (cfr., *Mt* 16, 27) u hija sinjal tal-għaqda sħiħa bejniethom: mhijiex xi ħaġa li jfittex hu, imma ġiet mogħtija lilu. It-tron – xbiha importanti fl-eskatoloġija tal-AT – jissimbolizza l-post riservat għal Alla fl-istorja. Ir-rabbini kienu jgħallmu li Alla ħalaq it-tron tiegħu qabel id-dinja, u li ħadd ma jista' joqgħod fuqu ħlief Hu. Fl-aħħar taż-żmien joqgħod fil-post li ħafna ippruvaw jokkupaw: "Kollox ġej minnu, kollox permezz

tiegħu, kollox għalih. Lilu l-glorja għal dejjem ta' dejjem. Amen!" (*Rum* 11, 35). Id-dixxiplu, f'dinja li tinsa l-preżenza ta' Alla, ikun sinjal minn qabel taż-żmien eskatoloġiku meta lil Alla jagħtih il-post tiegħu, li jixraqlu.

**U quddiemu jinġabru l-ġnus kollha, u hu jifridhom minn xulxin, bħalma r-ragħaj jifred in-nagħaġ mill-mogħoż: in-nagħaġ iqiegħdhom fuq il-lemin tiegħu u l-mogħoż fuq ix-xellug.**
Il-Lhud kienu familjari ma' dawk is-siltiet fl-AT li fihom hu miktub li Alla se jiġma' l-ġnus kollha għall-ġudizzju (cfr., *Ġoel* 4, 2; *Żak* 14, 2; *Is* 66, 18). Fost il-ġnus anki l-Knisja hija msejħa biex tagħti kont tagħha nnifisha. Għal Mt il-Knisja għandha r-responsabilità li tħejji l-popli għal-laqgħa mal-Imħallef eskatoloġiku billi xxandar l-Evanġelju tas-Saltna fid-dinja kollha (għalkemm mhux bilfors dan se jfisser li l-ġnus kollha jsiru dixxipli). Fl-istess waqt, fil-ġudizzju toħroġ għad-dawl u tingħaraf is-Saltna ta' Alla fl-universalità tagħha, xi ħaġa li tmur 'l hemm mill-Knisja imma tinkludi fiha l-umanità kollha (cfr., *Mt* 13, 38). Il-Knisja tagħraf li l-isforzi tagħha fit-tixrid taż-żerriegħa t-tajba ma kinux għalxejn imma laħqu ferm 'l barra minnha. Il-ġudizzju jġib miegħu il-firda (mfissra bix-xbiha ta' dak li, minħabba diversi raġunijiet, jagħmel ir-ragħaj fil-merħla filgħaxija). Il-Knisja trid toqgħod attenta li ma tagħmilx il-ġudizzju hi qabel żmienu, imma taċċetta d-diffikultà li tgħix qalb it-taħlit, f'konfini mhux dejjem ċari. (cfr., 13, 36-43).

**Imbagħad is-Sultan jgħid lil dawk ta' fuq il-lemin tiegħu: "Ejjew, imberkin minn Missieri, ħudu b'wirt tagħkom is-Saltna li tħejjiet għalikom sa mill-ħolqien tad-dinja.**
Is-Saltna ma tibqax iktar realtà li l-bnedmin "jitħabtu bis-sħiħ għaliha" (*Mt* 11, 12), don li saħansitra jista' jintilef, imma issa tingħata b'mod sħiħ u definittiv. Il-fatt li tħejjiet sa mit-twaqqif tad-dinja juri li s-Saltna tisboq il-ħolqien u allura hija l-iktar realtà importanti. Diġa l-Lhud kien jżommu li dak li hu meħtieġ għall-fidwa tal-bniedem tlesta qabel il-ħolqien, twemmin li elaboratu l-Knisja fid-dawl tal-misteru ta' Kristu: "Hekk hu għażilna fih, sa minn qabel il-ħolqien tad-dinja [...] Hu għarrafna l-misteru tar-rieda tiegħu; il-pjan li għoġbu jfassal fih minn qabel" (cfr., *Ef* 1, 3-14). Dan huwa l-wirt li d-dixxipli hu msejjaħ għalih u li mistieden jikkontempla.

**Għax jien kont bil-ġuħ u tmajtuni, kont bil-għatx u sqejtuni, kont barrani u lqajtuni, kont għeri u libbistuni, kont marid u ġejtu tarawni, kont fil-ħabs u ġejtu żżuruni." Imbagħad iweġbuh il-ġusti: "Mulej, meta rajniek bil-ġuħ u tmajniek, jew bil-għatx u sqejniek? Meta rajniek barrani u lqajniek, jew għeri u libbisniek? Meta rajniek marid jew fil-ħabs u ġejna nżuruk? U s-Sultan iweġibhom u jgħid: "Tassew, ngħidilkom, kulma għamiltu ma' wieħed mill-iżgħar fost dawn ħuti, għamiltuh miegħi."**
Għandna lista ta' sitt opri tal-ħniena li nsibu kemm fl-AT (speċjalment fil-Profeti u fil-Kotba tal-Għerf) kif ukoll f' reliġjonijiet oħra antiki. X'għandha speċjali din is-silta? Li s-Sultan mhux biss

jinkoraġixxi u jippremja l-ħniena mal-minsijin u l-batuti, imma juri li din ġiet magħmula fil-konfront tiegħu. Għandna l-kuntrast u fl-istess waqt l-identifikazzjoni bejn is-Sultan u min hu bil-ġuħ, bil-għatx, eċċ... Mhux biss is-Sultan "jitbaxxa" għal din il-kundizzjoni, imma fil-komunità min qed ibati għandu "jitgħolla" u jingħata l-ġieħ merfugħ għan-nies speċjali. L-atti ta' imħabba fraterna u kura huma forma oħra ta' qima lil Kristu: "Aqduhom bil-qalb, qiskom lill-Mulej, u mhux lill-bnedmin" (*Ef* 6, 7). Il-kwalifikazzjoni ta' aħwa tal-Mulej ma tibqax limitata biss għall-appostli (*Mt* 28, 10), jew dawk li jagħmlu r-rieda tal-Missier (12, 48-50) imma hi miftuħa għall-imġarrbin kollha fil-Knisja u fid-dinja. L-istgħaġib tal-ġusti quddiem din l-iskoperta joħroġ għad-dawl li dan kollu kienu qed jagħmluh b'imħabba sinċiera u kważi inġenwa, mingħajr l-istennija tal-premju u r-rikonixximent. "Henjin dawk li huma safja f'qalbhom, għax huma jaraw 'l Alla." (5, 8).

**Imbagħad jgħid ukoll lil dawk ta' fuq ix-xellug: "Morru minn quddiemi, misħutin, fin-nar ta' dejjem li tħejja għax-xitan u għall-anġli tiegħu. Għax jien kont bil-ġuħ u ma tmajtunix, [...]" Imbagħad huma wkoll iweġbuh: "Mulej, meta rajniek bil-ġuħ, jew bil-għatx, jew barrani, jew għeri, jew marid, jew fil-ħabs, u aħna ma waqafniex miegħek?" Iweġibhom imbagħad u jgħidilhom: "Tassew, ngħidilkom, dak li ma għamiltux ma wieħed minn dawn iż-żgħar, anqas miegħi ma għamiltuh."**

F'din it-tieni parti tad-djalogu għandna ripetizzjoni kważi identika fin-negattiv tad-djalogu ma' dawk ta' fuq il-lemin. Għalhekk il-ftit differenzi li nsibu għandhom ċertu rilevanza. B'kuntrast ma' qabel ma jissemmiex il-Missier ("imberkin minn Missieri" v. 34). In-nar ta' dejjem la ġie maħsub sa mill-ħolqien tad-dinja, u lanqas kien mifhum għall-bnedmin, imma għax x-xitan u għall-anġli tiegħu. In-nuqqas tal-Missier f'dan il-każ jista' jkun allużjoni għal-libertà tal-bniedem u għall-kapaċità li jirreżisti l-ħażen. Ix-xitan huwa figura qawwija (anki hu għandu l-anġli tiegħu – dawn jirrappreżentaw il-qorti li takkumpanja lis-sultan), imma l-Missier u l-proposta tas-salvazzjoni għandhom il-primat. Is-superjorità tat-tajjeb hija ta' stimolu għall-komunità fil-ħidma tagħha. Id-distrazzjoni mill-preżenza ta' Kristu f'min hu żgħir hija okkażjoni kbira biex wieħed jaqa' fil-ħażin, anki jekk ma jkollux il-fehma li jagħmel dan: "Għax min ma jħobbx lil ħuh li jara, kif jista' jħobb lil Alla li hu qatt ma rah?" (*1 Ġw* 4, 20) Il-lista tas-sitt opri ta' ħniena kull ma jmur tiġi ippreżentata b'mod imqassar sakemm fl-aħħar l-azzjonijiet kollha jiġu msemmija mal-verb "taqdi" (fl-oriġinal jintuża l-verb διακονεο). Ir-riferiment dirett għall-qadi mqiegħed fl-aħħar tas-silta juri li dan se jkun il-qalba tal-ġudizzju u li n-nuqqas tiegħu jista' jwassal għat-telfien. L-unika ottika li għandu jkollu n-Nisrani hija l-qadi.

**U dawn imorru fit-tbatija ta' dejjem u l-ġusti fil-ħajja ta' dejjem».**

Din il-prospettiva eskatoloġika hija f'kontinwità ma' Mt kollu. Min-naħa l-ħames beatitudni: "Henjin dawk li jħennu għax huma jsibu ħniena (5, 7). Mill-oħra, id-destin tal-qaddej midjun ma'

sidu imma bla ħniena għal sieħbu (cfr., 18, 21ss). L-għażliet li wieħed jagħmel fuq din l-art għandhom isiru fl-isfond ta' dak li hu għal dejjem (*sub specie aeternitatis*).